32002D1000

L 349/66 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 24.12.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-16 ta' Diċembru ta' l-2002,
## fid-data ta' l-iffirmar f'isem il-Komunità, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Cambodia, dwar il-kummerċ tat-tessuti, inizjalat ġo Phnom Penh fit-18 ta' Ottubru ta' l-2002

(2002/1000/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma l-ewwel sentenza ta' l-ewwel paragrafu ta l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt illi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat ftehim f'isem il-Komunità Ewropea dwar il-kummerċ tat-tessuti mar-Renju tal-Cambodia.

(2) Dan il-Ftehim kien inizjalat fit-18 ta' Ottubru ta' l-2002.

(3) Huwa approprijat li tapplika dan il-ftehim fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar ta' l-2003 sakemm tiġi t-komplija tal-proċeduri rilevanti għal-konklużjoni formali tiegħu, bla ħsara għar-reċiproċità.

(4) Il-Ftehim għandu jigi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea, bla ħsara għal possibbiltà tal-konkluzjoni tiegħu aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Iffirmar ta' dan il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Cambodia, dwar il-kummerċ tat-tessuti, huwa hawnhekk approvat fl-interess tal-Komunità dwar il-konklużjoni ta' dan il-ftehim.

It-test ta' dan il-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat illi jinnomina l-persuni bil-poter li jiffirmaw dan il-ftehim f'isem il-Komunità soġġett għal-konkluzjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Bla ħsara għar-reċiproċità, dan il-ftehim għandu jkun applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar ta' l-2003 sakemm tiġi t-komplija tal-proċeduri rilevanti għal-konklużjoni formali taggħa.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Dicembru 2002,

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

M. FISCHER BOEL